KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SHARPSTON
ippreżentati fis-27 ta' Settembru 2012 [1]

Kawża C-379/11

Caves Krier Frères S.àr.l.
vs
Directeur de l'Administration de l'emploi

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour Administrative (il-Gran Dukat tal-Lussemburgu)]

"Moviment liberu tal-ħaddiema — Artikoli 21 u 45 TFUE — Leġiżlazzjoni nazzjonali — Rimbors ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali minn Stat Membru lil persuni li jimpjegaw ħaddiema qiegħda li għandhom 45 sena u iktar li jirreġistraw mal-awtoritajiet kompetenti f'dak l-Istat — Restrizzjoni — Ġustifikazzjoni"

1. Fil-Lussemburgu, persuni li jimpjegaw ħaddiema qiegħda li jkollhom 45 sena u iktar huma eliġibbli li jirċievu sussidju għar-reklutaġġ [2]. Is-sussidju jieħu l-forma ta' rimbors lil persuna li timpjega tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali mħallsa fir-rigward tal-ħaddiem irreklutat. Madankollu, il-ħaddiem ikkonċernat għandu jkun ġie rreġistrat bħala li qiegħed ifittex xogħol ma' aġenzija tax-xogħol tal-amministrazzjoni tal-impjiegi tal-Lussemburgu [3]. Il-Cour administrative (Qorti tal-Appell Amministrattiva) (il-Lussemburgu) tistaqsi jekk kundizzjoni bħal din hijiex kompatibbli mal-Artikoli 21 u 45 TFUE li jikkonċernaw id-dritt taċ-ċittadini li jiċċaqalqu u li jirrisjedu liberament, u l-moviment liberu tal-ħaddiema fl-Unjoni Ewropea, rispettivament.

Il-leġiżlazzjoni

Id-dritt tal-UE

Id-dispożizzjonijiet tat-Trattat

2. Taħt l-Artikolu 21 TFUE, kull ċittadin tal-Unjoni għandu d-dritt li jmur minn post għal ieħor u li joqgħod liberament fit-territorju tal-Istati Membri.

3. L-Artikolu 45 TFUE jistabbilixxi:

"1. Għandu jkun żgurat il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni.

2. Dan jimplika l-abolizzjoni ta' kull diskriminazzjoni minħabba ċittadinanza bejn il-ħaddiema ta' l-Istati Membri dwar l-impjieg, il-paga u l-kondizzjonijiet l-oħra tax-xogħol".

1 — Lingwa oriġinali: l-Ingliż.
2 — Ara l-punt 9 iktar 'il quddiem.
3 — Administration de l'emploi (iktar 'il quddiem l-"ADEM").

4. Il-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 45 TFUE huma suġġetti għall-possibbiltà li l-Istati Membri jintroduċu limitazzjonijiet li huma ġġustifikati minħabba raġunijiet ta' ordni pubbliku, sigurtà pubblika jew saħħa pubblika, kif ipprovdut fl-Artikolu 45(3).

Ir-Regolament Nru 1408/71

5. Ir-Regolament Nru 1408/71 [4] jikkoordina l-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà soċjali tal-Istati Membri sabiex jipproteġi d-drittijiet ta' sigurtà soċjali ta' persuni li jiċċaqalqu fl-UE [5]. Il-ħaddiema kollha, inklużi l-ħaddiema tal-fruntiera, jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament [6]. Dan jipprovdi li l-persuni residenti fit-territorju tal-UE għandhom ikunu suġġetti għall-istess obbligi u jgawdu l-istess benefiċċji ta' sigurtà soċjali taħt il-leġiżlazzjoni ta' xi Stat Membru bħaċ-ċittadini nazzjonali ta' dak l-Istat [7]. Il-leġiżlazzjoni li tikkonċerna l-benefiċċji tal-qgħad hija inkluża fil-lista tal-materji koperti mir-Regolament [Artikolu 4(1)(g)]. Tali benefiċċji ma humiex biss finanzjarji, imma jinkludu l-assistenza biex jinstab impjieg ġdid li s-servizzi tal-impjieg ta' Stat Membru jipprovdu lil ħaddiema li japplikaw għal tali servizzi [8].

6. Id-dispożizzjonijiet tat-Titolu II tar-Regolament Nru 1408/71 ("Determinazzjoni tal-leġislazzjoni applikabbli") jikkostitwixxu sistema kompluta u uniformi ta' regoli ta' kunflitt tal-liġijiet li l-għan tagħhom huwa li jiżguraw li l-ħaddiema li jiċċaqalqu fl-Unjoni jkunu suġġetti għall-iskema ta' sigurtà soċjali ta' Stat Membru wieħed biss [9]. Għaldaqstant, l-Artikolu 13 jipprovdi:

"1. Suġġetti għall-Artikolu 14ċ, persuni li għalihom japplika dan ir-Regolament jkunu suġġetti għal-leġislazzjoni ta' Stat Membru singolu biss. Dik il-leġislazzjoni tkun determinata skond id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu.

2. Suġġetti għall-Artikoli 14 sa 17:

(a) persuna impjegata fit-territorju ta' Stat Membru wieħed tkun suġġetta għal-leġislazzjoni ta' dak l-Istat anke jekk ikun jabita fit-territorju ta' Stat Membru ieħor jew jekk l-uffiċċju reġistrat inkella post tan-negozju ta' l-impriża jew ta' l-individwu li jimpjegah huwa stabbilit fit-territorju ta' Stat Membru ieħor;

[...]"

4 — Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-siġurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità. Fiż-żmien li nbdew dawn il-proċeduri, il-verżjoni applikabbli kienet dik li tinsab fl-Anness A, Parti I, tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 118/97, tat-2 ta' Diċembru 1996, li jemenda u jaġġorna r-Regolament (KEE) Nru 1408/71 u r-Regolament (KEE) Nru 574/72 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 3). Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol 5, p. 72), ħassar u ssostitwixxa r-Regolament Nru 1408/71, tal-1 ta' Mejju 2010, meta ddaħħal fis-seħħ bir-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Settembru 2009, li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 (ĠU 2009 L 284, p. 1). L-Artikolu 90 tar-Regolament Nru 883/2004 jgħid li r-Regolament Nru 1408/71, madankollu, għandu jkompli jkollu effett legali għall-finijiet ta' ċerti atti li ma humiex rilevanti għal dawn il-proċeduri.

5 — Ara l-ewwel sal-ħames premessa tal-preambolu tar-Regolament Nru 1408/71.

6 — Ara l-Artikolu 1(a). Ħaddiem tal-fruntiera huwa ddefinit fl-Artikolu 1(b) bħala kull impjegat jew wieħed li jaħdem għal rasu li jkollu impjieg fit-territorju ta' Stat Membru u joqgħod fit-territorju ta' Stat Membru ieħor li fih jirritorna bħala regola jew għall-inqas darba fil-ġimgħa.

7 — Artikolu 3(1).

8 — Sentenza tat-12 ta' Ġunju 1986, Miethe (1/85, Ġabra p. 1837, punt 16).

9 — Sentenza tat-13 ta' Marzu 1997, Huijbrechts (C-131/95, Ġabra p. I-1409, punt 17, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata fiha).

7. Il-Kapitolu 6 tat-Titolu III jinkludi dispożizzjonijiet speċjali li jirrigwardaw il-benefiċċji tal-qgħad. L-Artikolu 71 jistabbilixxi regoli li japplikaw għal persuna qiegħda li qabel kienet impjegata u li, matul l-aħħar impjieg tagħha, kienet tirrisjedi fit-territorju ta' Stat Membru li ma huwiex l-Istat kompetenti. Dan jinkludi regoli differenti li jiddependu fuq jekk il-ħaddiem mingħajr impjieg huwiex ħaddiem tal-fruntiera (Artikolu 71(1)(a)) jew "differenti minn ħaddiem tal-fruntiera" (Artikolu 71(1)(b)). Fir-rigward tal-ħaddiema tal-fruntiera, l-Artikolu 71(1)(a) jipprovdi eċċezzjoni għar-regola ġenerali stabbilita fl-Artikolu 13(2)(a). Dan jipprovdi:

"1. Persuna disimpjegata li qabel kienet impjegata u li, matul l-aħħar impjieg tagħha, kienet tabita fit-territorju ta' Stat Membru differenti mill-Istat kompetenti, tirċievi benefiċċji skond id-dispożizzjonijiet li ġejjin:[10]

(a)(i) Ħaddiem tal-fruntiera li huwa bla xogħol parzjalment jew minn żmien għal ieħor fl-intrapriża li timpjegah, jirċievi benefiċċji skond id-dispożizzjonijiet tal-leġislazzjoni ta' l-Istat kompetenti bħallikieku huwa kien jabita fit-territorju ta' dak l-Istat; dawn il-benefiċċji jkunu pprovduti mill-istituzzjoni kompetenti.

(ii) Ħaddiem tal-fruntiera li huwa kompletament impjegat [qiegħed] jirċievi benefiċċji skond id-disposizzjonijiet tal-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jabita bħallikieku huwa kien suġġett għal dik il-leġislazzjoni waqt l-aħħar impjieg, dawn il-benefiċċji jkunu pprovduti mill-istituzzjoni tal-post tar-residenza aspejjeż tagħha.

[...]"

8. Ħaddiem li huwa "differenti minn ħaddiem tal-fruntiera" u jaqa' għaldaqstant taħt l-Artikolu 71(1)(b) għandu għażla: jista' jew japplika mal-awtoritajiet kompetenti għall-benefiċċji tal-qgħad fl-Istat fejn huwa kien impjegat l-aħħar jew jitlob dawk il-benefiċċji fl-Istat ta' residenza tiegħu[11].

Id-dritt nazzjonali

9. Il-miżura nazzjonali inkwistjoni hija l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu L.541-1 tal-Code du travail ("il-Kodiċi tax-Xogħol"). Dan jipprovdi għar-rimbors tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali (iktar 'il quddiem "is-sussidju għar-reklutaġġ") bil-mod kif ġej:

"Meta persuna li timpjega fis-settur privat tirrekluta ħaddiem qiegħed, il-fond tal-impjieg għandu jirrimborsa lill-istess persuna li timpjega kemm is-sehem tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-persuna li timpjega kif ukoll dak tal-impjegat, indipendentement minn jekk il-ħaddiem qabel kienx qiegħed jirċievi benefiċċju tal-qgħad, iżda bil-kundizzjoni li huwa għandu iktar minn 45 sena u kien irreġistrat bħala persuna li qed tfittex xogħol ma' aġenzija tax-xogħol tal-[ADEM] għal mill-inqas xahar".

10. It-tielet subparagrafu tal-Artikolu L.541-1 jipprovdi li l-kundizzjoni tar-reġistrazzjoni ma tapplikax għal persuni li qed ifittxu xogħol ta' età ta' 40 sena u iktar li huma milquta minn skema ta' żamma tal-impjieg (iktar 'il quddiem "skema soċjali") kif iddefinit fl-Artikolu L.513-3 tal-Kodiċi tax-Xogħol[12].

10 — L-Istat kompetenti huwa l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tinsab l-istituzzjoni kompetenti [Artikolu 1(q)]. Il-kelma "istituzzjoni" hija ddefinita fl-Artikolu 1(n) bħala l-korp jew l-awtorità responsabbli biex tamministra parti minn jew il-leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali kollha. L-istituzzjoni kompetenti hija ddeterminata skont l-Artikolu 1(o): hija tinkludi *inter alia* l-istituzzjoni li magħha l-persuna kkonċernata hija assigurata fiż-żmien tal-applikazzjoni għall-benefiċċju.

11 — Ara, pereżempju, is-sentenza tad-29 ta' Ġunju 1995, Van Gestel (C-454/93, Ġabra p. I-1707, punt 23).

12 — L-Artikolu L.513-1 tal-Kodiċi tax-Xogħol jeħtieġ li l-imsieħba soċjali jistabbilixxu skema soċjali meta l-impriża tkeċċi ħamsa min-nies jew iktar f'daqqa.

11. L-Artikolu L.622-6(1) jipprovdi li: “Il-persuni qiegħda kollha li jkunu qegħdin ifittxu xogħol huma obbligati jirreġistraw bħala persuni li qed ifittxu xogħol mal-[ADEM]”.

Il-fatti, il-proċedura u d-domanda preliminari

12. M. Krier twieldet fit-30 ta’ Lulju 1955. Hija ċittadina Lussemburgiża li tirrisjedi mal-familja tagħha fil-Ġermanja. Fl-1 ta’ Mejju 2008, Caves Krier Frères S.àr.l. (iktar ’il quddiem “Caves Krier”), ditta Lussemburgiża, impjegat lil M. Krier, li dak iż-żmien kellha 52 sena, fuq kuntratt permanenti. M. Krier dejjem ħadmet fil-Lussemburgu, għalkemm immedjatament qabel ma bdiet taħdem ma’ Caves Krier hija għamlet żmien qiegħda wara li l-persuna li kienet timpjegaha kienet iddeċidiet li tkeċċiha. Matul dak il-perijodu M. Krier kienet irreġistrat mal-awtoritajiet Ġermaniżi bħala li kienet qiegħda u għaldaqstant irċeviet benefiċċji tal-qgħad fil-pajjiż ta’ residenza tagħha.

13. Fit-2 ta’ Settembru 2008, Caves Krier ressqet quddiem l-ADEM talba għas-sussidju għar-reklutaġġ fir-rigward tad-deċiżjoni tagħha li tirrekluta lil M. Krier. Permezz ta’ deċiżjoni tal-4 ta’ Settembru 2008, id-direttur tal-ADEM ċaħad dik it-talba minħabba li M. Krier ma kinitx irreġistrat bħala persuna li qed tfittex xogħol mal-ADEM, kif meħtieġ mill-miżura nazzjonali inkwistjoni. Fil-11 ta’ Jannar 2010, Caves Krier ressqet kawża quddiem it-Tribunal administratif (Qorti Amministrattiva tal-Prim’Istanza) fejn talbet l-annullament ta’ dik id-deċiżjoni.

14. Permezz ta’ deċiżjoni tal-14 ta’ Lulju 2020, it-Tribunal administratif ċaħad ir-rikors ta’ Caves Krier. Huwa ddeċieda li s-sitwazzjoni ta’ persuna qiegħda li tirrisjedi fil-Lussemburgu u li, għaldaqstant, tista’ tirreġistra mal-ADEM bħala persuna qiegħda ma tistax titqabbel ma’ dik ta’ persuna qiegħda li, minħabba li ma tirrisjedix fil-Lussemburgu, ma tistax tirreġistra mal-ADEM, u li, min-naħa l-oħra, għandha tirreġistra mal-uffiċċju tal-impjiegi tal-pajjiż ta’ residenza tagħha.

15. Fit-12 ta’ Awwissu 2010, Caves Krier appellat minn din id-deċiżjoni quddiem il-Cour administrative.

16. Din il-qorti tikkunsidra li tqum kwistjoni tad-dritt tal-UE li tikkonċerna l-kundizzjonijiet għall-għoti tas-sussidju għar-reklutaġġ taħt il-miżura nazzjonali inkwistjoni, u b’mod partikolari dik li tirrigwarda l-kundizzjoni tar-reġistrazzjoni [13]. Il-qorti tikkonstata li “huwa paċifiku li huma biss dawk il-persuni li jirrisjedu fit-territorju tal-Lussemburgu li jistgħu jirreġistraw mal-ADEM, filwaqt li dawk li ma jirrisjedux hemmhekk ma jistgħux jirreġistraw; li fil-fatt ifisser li s-sussidju għar-reklutaġġ huwa rriżervat għal persuni li jimpjegaw persuni qiegħda li huma residenti fil-Lussemburgu”.

17. Il-qorti tar-rinviju nnutat li l-Istat, li ma kienx irrappreżentat fil-proċeduri quddiemha, ma kellux l-opportunità li juri jekk tali restrizzjoni tar-residenza kinitx ibbażata fuq kunsiderazzjonijiet oġġettivi ta’ interess pubbliku li huma indipendenti miċ-ċittadinanza tal-persuni kkonċernati u proporzjonati għall-għan leġittimu tal-miżura nazzjonali inkwistjoni. Il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li hija ma hijiex f’pożizzjoni tiġġustifika dawk il-miżuri minn jeddha. Għaldaqstant, hija ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel id-domanda li ġejja lill-Qorti tal-Ġustizzja:

“L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 541-21 tal-Kodiċi tax-Xogħol Lussemburgiż, peress li jirriżerva d-dritt għal rimbors tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, parzjalment minn min iħaddem u parzjalment mill-assigurat, għal persuni qiegħda li jkunu ta’ età ’il fuq minn [45] sena, kemm jekk ikunu ġew ikkumpensati kif ukoll jekk ma jkunux ġew ikkumpensati, għal persuni li jħaddmu fis-settur privat, sa kemm il-persuni qiegħda jkunu rreġistrati bħala persuni li qed ifittxu x-xogħol ma’

13 — Qabel ma għamlet dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari, il-Cour administrative talbet u kisbet mill-Cour constitutionelle (Qorti Kostituzzjonali) deċiżjoni preliminari dwar il-kompatibbiltà tal-miżura nazzjonali inkwistjoni mal-Artikolu 10a(1) tal-Kostituzzjoni Lussemburgiża.

aġenzija tax-xogħol tal-[ADEM] għal mill-inqas xahar, filwaqt li persuni li jħaddmu li jimpjegaw persuni qiegħda rreġistrati bħala persuni li qed ifittxu x-xogħol ma' organizzazzjonijiet korrispondenti barra mill-pajjiż ma jibbenefikawx minn din il-miżura, huwa konsistenti mad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-Artikoli 21 u 45 [TFUE]?"

18. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati minn Caves Krier, mill-Gvern Lussemburgiż, mill-Gvern tar-Repubblika Ċeka, mill-Gvern Awstrijak, mill-Gvern Pollakk u mill-Kummissjoni.

19. Caves Krier, il-Lussemburgu, ir-Repubblika Ċeka u l-Kummissjoni ppreżentaw osservazzjonijiet orali fis-seduta tal-21 ta' Ġunju 2012.

Evalwazzjoni

Osservazzjonijiet preliminari

20. L-Awstrija ssostni li d-domanda tal-qorti nazzjonali hija inammissibbli għar-raġunijiet segwenti. L-ewwel nett, id-digriet tar-rinviju ma huwiex ċar sa fejn dan jonqos milli jispeċifika jekk il-miżura nazzjonali inkwistjoni tintroduċix kundizzjoni ta' residenza jew rekwiżit ta' reġistrazzjoni. Għaldaqstant, l-Awstrija targumenta li l-qorti nazzjonali naqset milli tiddefinixxi l-kuntest fattwali u leġiżlattiv tad-domanda b'mod li jippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tagħti risposta utli [14]. It-tieni nett, il-qorti nazzjonali tirreferi għall-fatt li r-rekwiżit ta' reġistrazzjoni ma japplikax għal ħaddiema li jitkeċċew fil-kuntest ta' skema soċjali [15]. Madankollu, il-qorti nazzjonali ma inkludietx id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt nazzjonali fid-digriet tar-rinviju. It-tielet nett, l-Awstrija — sostnuta fuq dan il-punt mir-Repubblika Ċeka — ssostni li d-domanda magħmula mill-qorti nazzjonali hija ipotetika inkwantu l-miżura nazzjonali inkwistjoni, fil-fatt, ma pprekludietx lil M. Krier milli teżerċita d-dritt tagħha ta' moviment liberu u milli tikseb impjieg fil-Lussemburgu.

21. Fil-fehma tiegħi, id-domanda hija ammissibbli.

22. L-ewwel nett, jidhirli li l-qorti nazzjonali ddefinixxiet l-elementi essenzjali tal-kuntest leġiżlattiv nazzjonali u l-oriġini tal-kwistjoni fil-livell nazzjonali b'ċarezza suffiċjenti biex tippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tidentifika l-punti biex tiddetermina u teżamina t-talba għal deċiżjoni preliminari. Iktar minn hekk, fl-osservazzjonijiet tagħhom il-partijiet kienu f'pożizzjoni li jittrattaw il-kwistjonijiet li jqumu u li jressqu l-argumenti tagħhom skont il-każ. Għaldaqstant, nikkunsidra li l-Qorti tal-Ġustizzja tista' tagħti deċiżjoni preliminari fuq id-domanda li saret.

23. It-tieni nett, ma huwiex sostnut li M. Krier hija ħaddiema li tkeċċiet skont skema soċjali u hija għaldaqstant eżentata mir-rekwiżit ta' reġistrazzjoni skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu L.541-1 tal-Kodiċi tax-Xogħol. Għaldaqstant ma hemmx bżonn li jiġi eżaminat jekk dan l-arranġament huwiex preklużmill-Artikoli 21 jew 45 TFUE.

24. Fit-tielet lok, fir-rigward tal-argument li d-domanda tal-qorti nazzjonali hija ipotetika, jeħtieġ li jiġu kkunsidrati l-kwistjonijiet segwenti.

25. Ma huwiex ikkontestat li M. Krier hija ħaddiema tal-fruntiera u li hija tista' tinvoka d-dritt tagħha ta' moviment liberu taħt l-Artikolu 45 TFUE. Hija eżerċitat dawk id-drittijiet billi għażlet li tirrisjedi barra l-Lussemburgu, il-pajjiż tal-oriġini tagħha, minkejja li taħdem f'dak l-Istat.

14 — L-Awstrija tinvoka s-sentenza tat-23 ta' Marzu 2006, Enirisorse (C-237/04, Ġabra p. I-2843, punti 17 sa 19).

15 — Ara l-punt 10 iktar 'il fuq.

26. Skont ġurisprudenza paċifika d-dispożizzjonijiet nazzjonali li jipprekludu jew jiddiswadu ċittadin ta' Stat Membru milli jiltaq mill-Istat ta' oriġini tiegħu sabiex jeżerċita d-dritt tiegħu ta' moviment liberu jikkostitwixxu restrizzjonijiet għal din il-libertà anki jekk dawn huma applikabbli indipendentement min-nazzjonalità tal-ħaddiem ikkonċernat [16].

27. Fl-eżami tad-domanda tal-qorti nazzjonali, huwa neċessarju għaldaqstant li jiġi kkunsidrat jekk M. Krier hijiex żvantaġġjata minħabba li hija tirrisjedi fil-Ġermanja u ma tistax, għaldaqstant, tirreġistra mal-ADEM. Il-konsegwenza tal-pożizzjoni ta' M. Krier hija li l-persuna li timpjegaha, Caves Krier, ma tistax tikseb is-sussidju għar-reklutaġġ fir-rigward tad-deċiżjoni tagħha li tirreklutaha.

28. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, sabiex ikun verament effikaċi, id-dritt tal-ħaddiema li jiġu rreklutati u impjegati neċessarjament għandu jkollu bħala korollarju tiegħu d-dritt tal-persuna li timpjega li tirreklutahom skont ir-regoli fil-qasam tal-moviment liberu tal-ħaddiema [17].

29. Fid-dawl ta' dan, ma jidhirlix li d-domanda tal-qorti nazzjonali hija ipotetika. Il-kwistjoni li trid tiġi kkunsidrata hija jekk Caves Krier, bħala l-persuna li timpjega lil M. Krier, hijiex żvantaġġjata minħabba li ġiet imċaħħda mill-ħlas tas-sussidju għar-reklutaġġ għal ħaddiema ta' età ikbar meta rreklutat lil Krier. Din ma hijiex kwistjoni ipotetika; din wasslet għal kwistjoni ġenwina fuq livell nazzjonali li teħtieġ li tissolva. Barra minn hekk, il-punt ineżami jikkonċerna d-drittijiet ta' M. Krier bħala ħaddiema tal-fruntiera, li tirrisjedi fi Stat Membru wieħed filwaqt li taħdem f'wieħed ieħor. Il-kwistjoni hija dwar jekk il-miżura nazzjonali ineżami toħloqx ostakolu biex jiġu eżerċitati dawk id-drittijiet li jpoġġi lil persuna bħalma hija M. Krier fi żvantaġġ [18].

30. Fl-aħħar nett, madankollu, jidhirli li huwa neċessarju li nippproponi deċiżjoni biss fuq l-interpretazzjoni tal-Artikolu 45 TFUE. L-Artikolu 21 TFUE jistabbilixxi d-dritt ta' kull ċittadin tal-Unjoni Ewropea li jiċċaqlaq u li jirrisjedi liberament fit-territorju tal-Istati Membri. Dan huwa espress speċifikament fl-Artikolu 45 TFUE fir-rigward tal-moviment liberu tal-ħaddiema. Peress li l-proċeduri prinċipali jaqgħu taħt il-portata ta' din l-aħħar dispożizzjoni, jidhirli li ma huwiex neċessarju li tingħata deċiżjoni separata fuq l-interpretazzjoni tal-Artikolu 21 TFUE [19].

L-eżistenza ta' restrizzjoni għall-moviment liberu tal-ħaddiema

In-natura tar-restrizzjoni inkwistjoni

31. Fid-domanda tagħha, il-qorti nazzjonali tiddeskrivi s-sussidju għar-reklutaġġ bħala li huwa suġġett għall-kundizzjoni li l-persuni qiegħda rreklutati jkunu ġew irreġistrati bħala persuni li qed ifittxu xogħol ma' aġenzija tax-xogħol tal-ADEM. Hija tispjega wkoll li "huwa paċifiku li huma biss dawk li jirrisjedu fit-territorju tal-Lussemburgu li jistgħu jirreġistraw, filwaqt li dawk li ma jirrisjedux hemmhekk ma jistgħux jirreġistraw; li fil-fatt ifisser li s-sussidju għar-reklutaġġ huwa rriżervat għal persuni li jimpjegaw persuni qiegħda li huma residenti fil-Lussemburgu".

32. Il-Lussemburgu tikkontesta l-interpretazzjoni tal-miżura nazzjonali inkwistjoni mogħtija mill-qorti nazzjonali. Hija ssostni li r-reġistrazzjoni mal-ADEM ma hijiex limitata għall-ħaddiema li jirrisjedu fil-Lussemburgu. Barra minn hekk, il-Lussemburgu jargumenta li ċ-ċittadini kollha tal-UE għandhom dritt jirreġistraw mal-ADEM. Huwa jgħid li ma hemm ebda rekwiżit ta' ċittadinanza li japplika

16 — Sentenza tas-16 ta' Marzu 2010, Olympique Lyonnais (C-325/08, Ġabra p. I-2177, punti 33 u 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

17 — Sentenza tal-11 ta' Jannar 2007, ITC (C-208/05, Ġabra p. I-181, punt 23).

18 — Ara l-punti 37 sa 39 iktar 'il quddiem.

19 — Sentenza ITC, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 17, punti 63 sa 65 u l-ġurisprudenza ċċitata.

għar-reġistrazzjoni. Għaldaqstant, ħaddiema qiegħda bħalma hija M. Krier, li tgħix il-Ġermanja u li hija rreġistrata hemmhekk bħala persuna qiegħda u li għaldaqstant tirċievi benefiċċji tal-qgħad fil-Ġermanja, tista' tirreġistra wkoll mal-ADEM fil-Lussemburgu għall-finijiet li tfittex xogħol f'dak l-Istat. Il-Lussemburgu jsostni, għaldaqstant, li ma hemm ebda restrizzjoni taħt l-Artikolu 45 TFUE.

33. Caves Krier u l-Kummissjoni jaqblu mal-interpretazzjoni tal-qorti nazzjonali u jikkunsidraw li l-effett tal-miżura nazzjonali inkwistjoni huwa li timponi rekwiżit ta' residenza biex wieħed ikun jista' jirreġistra mal-ADEM.

34. Il-miżura nazzjonali inkwistjoni ma tgħid xejn fuq jekk hemmx dan ir-rekwiżit ta' residenza. Madankollu, ninnota li tliet istanzi ta' qrati fil-Lussemburgu [20] interpretaw dik il-miżura fis-sens li, effettivament, tali kundizzjoni ta' residenza teżisti.

35. Għal dak li jirrigwarda l-interpretazzjoni ta' dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali, il-Qorti tal-Ġustizzja hija, fil-prinċipju, meħtieġa li tibbaża l-kunsiderazzjonijiet tagħha fuq id-deskrizzjoni mogħtija fid-digriet tar-rinviju. Skont ġurisprudenza stabbilita, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni li tinterpreta d-dritt intern ta' Stat Membru [21]. Fil-proċedura ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari, il-funzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja u dawk tal-qorti tar-rinviju huma ċarament separati u hija esklużivament din tal-aħħar li għandha tinterpreta l-leġiżlazzjoni nazzjonali [22].

36. Għaldaqstant, nikkunsidra li kull evalwazzjoni dwar jekk l-Artikolu 45 TFUE jipprekludix rekwiżit ta' reġistrazzjoni minn qabel bħala persuna li qed tfittex xogħol, meta tali reġistrazzjoni hija kundizzjoni biex jingħata s-sussidju għar-reklutaġġ lil persuna li timpjega potenzjali, għandha tkun ibbażata fuq il-miżura nazzjonali inkwistjoni kif interpretata mill-qorti nazzjonali li qed titlob deċiżjoni preliminari — jiġifieri, bħala li tinkludi rekwiżit ta' residenza.

Ir-rekwiżit ta' residenza

37. Inkwantu, għall-finijiet tal-miżura nazzjonali inkwistjoni, ir-residenza fil-Lussemburgu hija kundizzjoni sabiex persuna tkun tista' tirreġistra mal-ADEM u r-reġistrazzjoni mal-ADEM hija kundizzjoni biex ikun jista' jingħata s-sussidju għar-reklutaġġ, persuna li timpjega Lussemburgiża li tkun tixtieq tirrekluta ħaddiem qiegħed, ta' età ta' iktar minn 45 sena, x'aktarx li iktar timpjega ħaddiem residenti fil-Lussemburgu, li fir-rigward tiegħu normalment hija tkun tista' tirċievi s-sussidju [23], iktar milli ħaddiem tal-fruntiera, li fir-rigward tiegħu ma tirċievi xejn.

38. Għaldaqstant, x'aktarx li jkun iktar diffiċli għall-ħaddiema qiegħda li għandhom iktar minn 45 sena u li jirrisjedu barra mil-Lussemburgu biex jiġu impjegati f'dak l-Istat. Għaldaqstant, tali kundizzjoni x'aktarx li tiskoraġġixxi lil dawk il-persuni milli jiċċaqalqu biex imorru joqogħdu fi Stat viċin.

39. Għaldaqstant, jiena tal-fehma li rekwiżit ta' residenza bħalma huwa dak ineżami fil-proċeduri prinċipali huwa restrizzjoni għall-moviment liberu tal-ħaddiema fl-Unjoni Ewropea, kif iggarantit mill-Artikolu 45 TFUE.

20 — It-tribunal administratif, il-Cour constitutionelle, meta kkunsidrat id-domanda preliminari li tressqet quddiemha (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 13) u l-qorti tar-rinviju (il-Cour administrative). Inżid ngħid li kważi l-informazzjoni pubblikament disponibbli kollha li hemm fuq is-sit tal-ADEM tagħti dik l-impressjoni (ara www.adem.public.lu/demandeur/placement/index.html).

21 — Sentenza tas-17 ta' Marzu 2011, Naftiliaki Etaireia Thasou (C-128/10 u C-129/10, Ġabra p. I-1885, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).

22 — Sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, Corporación Dermoestética (C-500/06, Ġabra p. I-5785, punt 21).

23 — L-Artikolu L.622-6(1) tal-Kodiċi tax-Xogħol, li japplika għall-persuni kollha residenti fil-Lussemburgu, jimponi lil kull persuna qiegħda li tkun qed tfittex xogħol tirreġistra bħala persuna li qed tfittex xogħol mal-ADEM (ara l-punt 11 iktar 'il fuq).

40. Il-qorti nazzjonali tispjega li hija tixtieq tkun taf jekk rekwiżit ta' residenza jistax, madankollu, ikun iġġustifikat. Hija tenfasizza li l-Gvern Lussemburgiż, li ma huwiex parti fil-proċeduri prinċipali, ma kellux l-opportunità li juri jekk tali ostakolu huwiex iġġustifikat għall-finijiet tal-Artikolu 45 TFUE u li hija ma tistax, minn jeddha, tressaq motivi ta' ġustifikazzjoni hija stess.

41. Huwa paċifiku fid-dritt li miżura li tostakola l-moviment liberu tal-ħaddiema tista' tiġi aċċettata biss jekk ikollha għan leġittimu kompatibbli mat-Trattat u jekk tkun iġġustifikata minħabba raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali. Anki jekk dan ikun il-każ, l-applikazzjoni ta' tali miżura xorta waħda trid tkun tali li tiżgura li jintlaħaq l-għan inkwistjoni u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dan l-għan [24].

42. Għaldaqstant, huwa l-Istat Membru, li l-awtoritajiet tiegħu jadottaw miżura li tidderoga minn libertà fundamentali, li għandu juri li dik il-miżura hija xierqa biex jintlaħaq l-għan imfittex u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju biex tilħqu. Għaldaqstant, ir-raġunijiet li jiġu invokati minn Stat Membru bħala mod ta' ġustifikazzjoni għandhom ikollhom magħhom analiżi tal-adattezza u tal-proporzjonalità tal-miżura adottata minn dan l-Istat, kif ukoll elementi preċiżi li jissostanzjaw l-argument tiegħu [25].

43. Fil-proċedura ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari (b'kuntrast ma' rikors għan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu taħt l-Artikolu 258 TFUE) hija l-qorti nazzjonali, u mhux il-Qorti tal-Ġustizzja, li għandha tistabbilixxi jekk il-miżura nazzjonali inkwistjoni hijiex iġġustifikata [26]. Ir-rwol tal-Qorti tal-Ġustizzja huwa li tipprovdi lill-qorti nazzjonali bi gwida. Madankollu, dan huwa partikolarment diffiċli meta d-deskrizzjoni tal-kuntest fattwali u ġuridiku ma tkunx kompluta f'ċerti aspetti (anki jekk mhux sal-punt li r-rinviju jkun inammissibbli [27]), u għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja tkun prekluża milli tirrispondi bil-preċiżjoni li tixtieq għad-domandi magħmula. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja jista' jkun li jkollha tħalli ċerti aspetti mhux solvuti [28].

44. Qabel is-seduta, il-Qorti tal-Ġustizzja stiednet lil-Lussemburgu biex jindirizza l-kwistjoni tal-ġustifikazzjoni, li ma kinitx ġiet ittrattata fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu. Minkejja talba espressa oħra (waqt is-seduta) għal assistenza fuq il-kwistjoni tal-ġustifikazzjoni, il-Lussemburgu naqas milli jressaq xi argumenti f'dan ir-rigward.

45. Fin-nuqqas ta' xi informazzjoni li tindika jekk kundizzjoni ta' residenza bħalma hija dik inkwistjoni għandhiex għan leġittimu, jidhirli li l-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex f'pożizzjoni li tagħti gwida dwar jekk din hijiex proporzjonata biex jinkiseb dak l-għan. Meta l-qorti nazzjonali tgħaddi biex teżamina dak il-punt, il-kummenti segwenti jistgħu madankollu jkunu ta' għajnuna.

46. Meta r-residenza tkun kundizzjoni assoluta għar-reġistrazzjoni, din ikollha bilfors l-effett li tipprekludi lil persuna li tkun fis-sitwazzjoni ta' M. Krier milli tkun tista' tirreġistra mal-awtoritajiet kompetenti. Konsegwentement, persuna li timpjega tali persuna tkun awtomatikament ineliġibbli għas-sussidju għar-reklutaġġ. Għaldaqstant, kundizzjoni ta' residenza bħalma hija dik deskritta mill-qorti nazzjonali għandha effett tant mifrux li x'aktarx li ma titqiesx li hija proporzjonata, anki jekk l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu juru li għandha għan leġittimu [29].

24 — Sentenza Olympique Lyonnais, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata.

25 — Sentenza tat-13 ta' April 2010, Bressol *et* (C-73/08, Ġabra p. I-2735, punt 71). Ara wkoll is-sentenza tal-14 ta' Ġunju 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi (C-542/09, punt 81).

26 — Sentenza Bressol *et*, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 25, punt 74.

27 — Ara l-punt 22 iktar 'il fuq.

28 — Sentenza tat-30 ta' Marzu 2000, Jämställdhetsombudsmannen (C-236/98, Ġabra p. I-2189, punt 34).

29 — Ara, pereżempju, is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2002, D'Hoop (C-224/98, Ġabra p. I-6191, punt 39).

47. Għaldaqstant, nikkunsidra li tali kundizzjoni ta' residenza hija prekluża mill-Artikolu 45 TFUE inkwantu tiddetermina jekk is-sussidju għar-reklutaġġ jingħatax jew le lil persuna li timpjega potenzjali ta' persuna qiegħda, li għandha iktar minn 45 sena, li għaliha tapplika dik il-kundizzjoni.

Ir-rekwiżit tar-reġistrazzjoni

48. Inkwantu l-qorti nazzjonali tikkonstata li tixtieq gwida fuq il-punt dwar jekk l-Artikolu 45 TFUE jipprekludix kundizzjoni ta' *residenza* biex wieħed ikun jista' *jirreġistra*, ma hemmx bżonn li ssir evalwazzjoni dwar jekk sempliċi rekwiżit ta' reġistrazzjoni huwiex ostaklu minnu nnifsu. Madankollu, peress li l-Lussemburgu jinsisti li l-miżura nazzjonali inkwistjoni ma timponix kundizzjoni ta' residenza, u peress li l-Istati Membri li ppreżentaw osservazzjonijiet eżaminaw dik il-miżura bħallikieku kienet sempliċi kundizzjoni ta' reġistrazzjoni, ser nikkunsidra dik il-pożizzjoni bħala alternattiva.

49. Ir-Regolament Nru 1408/71 ma huwiex direttament rilevanti. Is-sussidju għar-reklutaġġ ma huwiex benefiċċju tas-sigurtà soċjali kopert b'dik il-miżura. Barra minn hekk, it-talba ta' M. Krier għall-benefiċċji tal-qgħad ma hijiex is-suġġett tal-proċeduri prinċipali. Madankollu, l-Awstrija ssostni li r-Regolament Nru 1408/71 jipprovdi l-punt ta' riferiment biex jiġi evalwat il-vantaġġ soċjali, prinċipalment is-sussidju għar-reklutaġġ, f'din il-kawża [30]. Il-Polonja ssostni li peress li M. Krier hija ħaddiema tal-fruntiera, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fuq l-Artikolu 71 tar-Regolament Nru 1408/71, b'mod partikolari s-sentenza Miethe [31] , hija għandha dritt tagħżel jekk tirreġistrax għall-benefiċċji tal-qgħad fil-Ġermanja, li huwa l-Istat ta' residenza tagħha, jew fil-Lussemburgu, l-Istat tal-aħħar impjieg tagħha. Peress li hija għażlet li tirreġistra fl-Istat ta' residenza tagħha iktar milli fil-Lussemburgu, in-nuqqas tagħha li tissodisfa l-kundizzjoni tar-reġistrazzjoni li tinsab fil-miżura nazzjonali inkwistjoni huwa dovut għall-għażla tagħha iktar milli għall-miżura nnifisha. Il-Kummissjoni ssostni li M. Krier għandha dritt taħt ir-Regolament Nru 1408/71 li tirreġistra kemm fil-Ġermanja u kemm fil-Lussemburgu, iżda li hija prekluża milli tagħmel dan minħabba l-kundizzjonijiet tal-miżura nazzjonali inkwistjoni.

50. B'mod ġenerali, ir-reġistrazzjoni mal-ADEM tindika *inter alia* li l-persuna kkonċernata qiegħda tfittex xogħol, hija disponibbli biex taċċetta offerti ta' impjieg, u għandha dritt tuża s-servizzi għat-tiftix ta' xogħol tal-ADEM. Meta l-persuna tkun tikkwalifika, ir-reġistrazzjoni tista' twassal ukoll għall-ħlas tal-benefiċċji tal-qgħad mill-ADEM. Madankollu, ir-reġistrazzjoni hija miftuħa għall-persuni indipendentement minn jekk l-ADEM tħallashomx benefiċċji tal-qgħad.

51. L-Artikolu 13(2) tar-Regolament Nru 1408/71 jiddetermina l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għat-talba ta' ħaddiem għall-benefiċċji tal-qgħad [32]. Madankollu, dan l-artikolu ma jistabbilixxix il-kundizzjonijiet li joħolqu d-dritt jew l-obbligu għall-affiljazzjoni ma' skema ta' sigurtà soċjali [33]. B'mod ġenerali, l-Istat kompetenti fir-rigward tal-benefiċċji tal-qgħad huwa l-Istat fejn il-persuna qiegħda kienet impjegata l-aħħar [34]. Fil-prinċipju, huwa dak l-Istat Membru li huwa responsabbli biex iħallas dawk il-benefiċċji u biex jipprovdi benefiċċji anċillari mhux pekunjarji, bħalma hija l-assistenza biex jinstab impjieg ġdid.

30 — Kemm l-Awstrija u kemm il-Kummissjoni jirreferu għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 883/2004 fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom. Peress li l-miżura ma kinitx fis-seħħ fiż-żmien rilevanti, madankollu (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 4), għamilt riferiment għar-Regolament Nru 1408/71 f'dawn il-konklużjonijiet.

31 — Iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8.

32 — Ara l-punt 6 iktar 'il fuq.

33 — Sentenza Huijbrechts, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 9, punt 17 u l-ġurisprudenza ċċitata.

34 — Sentenza Huijbrechts, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 9, punt 21 u l-ġurisprudenza ċċitata.

52. Madankollu, l-Artikolu 71(1)(a) jipprovdi eċċezzjoni għal dan il-prinċipju fir-rigward ta' ħaddiema tal-fruntiera. Mill-Artikolu 71(1)(a)(ii) jirriżulta ċar li ħaddiem tal-fruntiera li huwa kompletament qiegħed ma għandux dritt għall-benefiċċju tal-qgħad fl-Istat fejn huwa kien impjegat l-aħħar, anki jekk ħallas il-kontribuzzjonijiet hemmhekk, iżda huwa intitolat jitlob il-benefiċċji mill-Istat Membru li fih huwa jirrisjedi [35].

53. Fis-sentenza Miethe, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li ħaddiem li fir-rigward tiegħu japplika l-Artikolu 71(1)(a)(ii) jista' wkoll, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, jiġi kkunsidrat li huwa "differenti minn ħaddiem tal-fruntiera" meta jkollu rabtiet partikolarment qawwija mal-Istat tal-aħħar impjieg tiegħu u jista' għaldaqstant jaqa' taħt l-Artikolu 71(1)(b). Dak il-ħaddiem jista' jagħżel li jirċievi benefiċċji tal-qgħad mill-Istat Membru tal-aħħar impjieg milli mill-Istat Membru ta' residenza [36].

54. Jekk il-pożizzjoni ta' M. Krier kienet irregolata mill-Artikolu 71(1)(a) (li jidher li huwa l-każ hawnhekk), hija ma kellhiex għażla dwar fejn tirreġistra għall-benefiċċju tal-qgħad. Hija kienet obbligata tirreġistra fil-Ġermanja, l-Istat ta' residenza tagħha. Min-naħa l-oħra, jekk hija kienet ikkunsidrata (eċċezzjonalment) bħala ħaddiema "differenti minn ħaddiema tal-fruntiera" skont il-ġurisprudenza Miethe, iżda hija għażlet, madankollu, li tirreġistra fil-Ġermanja, hija ma setgħatx tgħaqqad il-benefiċċji tal-qgħad kemm mil-Lussemburgu u kemm minn dak l-Istat [37]. Għaldaqstant, jekk hija rċeviet ħlas ta' benefiċċju tal-qgħad fil-Ġermanja, hija kellha wkoll tirrendi ruħha disponibbli għax-xogħol għall-awtoritajiet kompetenti f'dak l-Istat.

55. Madankollu, minn dan ma jsegwix li l-Lussemburgu huwa pprojbit milli jagħti dritt lil persuni bħalma hija M. Krier milli jirreġistraw mal-ADEM biex jingħataw assistenza biex jinstab xogħol f'dak l-Istat. Lanqas id-dritt tal-UE ma jipprekludi lill-ħaddiema tal-fruntiera milli jirreġistraw mal-ADEM għal dak il-għan. F'dawn iċ-ċirkustanzi, bħala prinċipju korollarju, il-persuni li impjegaw dawn in-nies ikunu intitolati japplikaw biex jingħataw is-sussidju għar-reklutaġġ.

56. Huwa minnu, kif isostni l-Gvern Lussemburgiż, li l-kundizzjoni tar-reġistrazzjoni ma tiddiskriminax direttament abbażi taċ-ċittadinanza.

57. Għaldaqstant (fin-nuqqas ta' rekwiżit ta' residenza) ħaddiema tal-fruntiera bħalma hija M. Krier, fil-prinċipju, ikunu eliġibbli biex jirreġistraw mal-ADEM.

58. Peress li l-ħaddiema tal-fruntiera qiegħda huma obbligati taħt l-Artikolu 71 tar-Regolament Nru 1408/71 biex jirreġistraw fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom sabiex jirċievu l-ħlas tal-benefiċċji tal-qgħad, il-kwistjoni mbagħad tkun dwar jekk rekwiżit addizzjonali biex jirreġistraw ukoll mal-awtoritajiet kompetenti fl-Istat tal-aħħar impjieg jikkostitwixxix restrizzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 45 TFUE, inkwantu tali persuni huma suġġetti għal piż addizzjonali li ma japplikax għall-ħaddiema li jirrisjedu fil-Lussemburgu, li ma humiex obbligati jirreġistraw ma' żewġ awtoritajiet kompetenti sabiex jingħata s-sussidju lil potenzjali persuna li timpjega .

59. Jidhirli li, għalkemm (fuq din l-ipotesi) il-ħaddiema tal-fruntiera jkunu ċertament obbligati li jirreġistraw f'żewġ Stati Membri, din is-sitwazzjoni ma twassalx għal restrizzjoni tal-moviment liberu tagħhom.

35 — Sentenza Miethe, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punti 9 sa 11. Dawn il-punti jagħmlu distinzjoni ċara bejn ħaddiema li *ma humiex* ħaddiema tal-fruntiera, li jeżerċitaw l-għażla mogħtija mill-Artikolu 1(1)(b) billi jirrendu ruħhom disponibbli jew għas-servizzi tal-impjieg tal-Istat Membru li fih huma kienu impjegati l-aħħar jew għal dawk offruti mill-Istat Membru li fih huma jirrisjedu u ħaddiema tal-fruntiera li huma koperti mill-Artikolu 71(1)(a) u li ma għandhomx din l-għażla. Ir-rilevanza tas-sentenza Miethe fid-dawl tar-Regolament Nru 883/2004 qiegħda tiġi eżaminata fil-preżent mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-443/11, Jeltes.

36 — Sentenza Miethe, punti 17 u 18.

37 — Sentenza van Gestel, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 11, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata.

60. L-ewwel nett, minħabba n-natura tal-pożizzjoni tagħhom bħala ħaddiema tal-fruntiera, dawn il-persuni mdorrijin jittrattaw ma' kwistjonijiet kemm fl-Istat Membru ta' residenza u kemm fl-Istat Membru fejn huma jkunu impjegati. It-tieni nett, il-proċess ta' reġistrazzjoni x'aktarx li jinkludi l-mili ta' formola, possibbilment online, u jista' wkoll jinkludi intervista. Għaldaqstant, x'aktarx li ma jkunx amministrattivament ta' piż u/jew finanzjarjament għoli li joħloq impediment. It-tielet nett, huwa fl-interess tal-ħaddiema tal-fruntiera li jfittxu impjieg fl-Istat Membru fejn huma għandhom l-aħjar prospetti ta' suċċess biex isibu impjieg ġdid. Għaldaqstant, tali persuni x'aktarx li jkunu motivati wkoll li jirreġistraw fl-Istat Membru tal-aħħar impjieg għal dan il-għan.

61. Għaldaqstant, fin-nuqqas ta' rekwiżit ta' residenza, ma jidhirlix li sempliċi rekwiżit ta' reġistrazzjoni fl-Istat Membru tal-aħħar impjieg b'żieda mar-reġistrazzjoni fl-Istat ta' residenza huwa ta' piż addizzjonali għal ħaddiem tal-fruntiera li huwa tali li jikkostitwixxi ostakolu għall-moviment liberu taħt l-Artikolu 45 TFUE fir-rigward tal-ħlas tas-sussidju għar-reklutaġġ.

62. Fid-dawl ta' din il-konklużjoni, ma hemmx bżonn li tiġi kkunsidrata l-kwistjoni tal-ġustifikazzjoni. Madankollu, biex il-qorti nazzjonali tkun ipprovduta bl-elementi neċessarji kollha, ser nittratta fil-qosor is-sottomissjonijiet li saru fuq dan il-punt.

63. Caves Krier tindika, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, li l-għan tas-sussidju għar-reklutaġġ huwa li jinkoraġġixxi lil persuni li jimpjegaw biex jimpjegaw ħaddiema qiegħda ta' età ikbar u li ilhom qiegħda għal tul ta' żmien u biex itejjeb il-prospetti tagħhom li jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol [38]. Madankollu, ma hemm ebda informazzjoni li tirrigwarda l-għan tal-kundizzjoni ta' reġistrazzjoni fil-miżura nazzjonali inkwistjoni.

64. L-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka, il-Lussemburgu u l-Polonja jsostnu li l-impożizzjoni ta' kundizzjoni ta' reġistrazzjoni taqa' taħt il-marġni ta' diskrezzjoni li għandhom l-Istati Membri biex jaġixxu fir-rigward tal-politika tax-xogħol, inkwantu tiżgura li l-benefiċjarju tal-assistenza jkun konness mas-suq tax-xogħol tal-Istat inkwistjoni billi teżiġi perijodu ta' reġistrazzjoni minimu.

65. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Istati Membri huma obbligati jagħżlu miżuri li jistgħu jilħqu l-għanijiet intiżi fil-qasam tal-impjieg. Hija rrikonoxxiet li l-Istati Membri jiddisponu minn marġni ta' diskrezzjoni wiesgħa fl-eżerċizzju ta' din il-kompetenza. Barra minn hekk, l-inkoraġġiment tar-reklutaġġ jikkostitwixxi għan leġittimu ta' politika soċjali [39].

66. B'mod ġenerali, huwa raġonevoli li jiġi kkunsidrat li reġistrazzjoni mal-ADEM hija meħtieġa biex jiġi żgurat li din tal-aħħar ikollha d-dettalji meħtieġa biex tqabbel dawk li jfittxu x-xogħol mal-postijiet tax-xogħol li jkunu disponibbli. Ma hemm ebda informazzjoni dwar ir-raġuni għaliex persuna hija meħtieġa jkollha d-dettalji tagħha fuq ir-reġistru għal perijodu minimu ta' xahar.

67. Fir-rigward tal-għoti tas-sussidju għar-reklutaġġ, ninnota wkoll li l-kundizzjoni ta' reġistrazzjoni ma tapplikax fir-rigward tal-ħaddiema qiegħda kollha. Għaldaqstant, meta ħaddiem jitkeċċa taħt skema soċjali ma hemm ebda rekwiżit biex dan jirreġistra mal-ADEM [40].

68. Għaldaqstant, ma huwiex ċar mill-miżura inkwistjoni x'jista' jkun l-għan preċiż, u lanqas għaliex huwa magħmul b'dan il-mod. Konsegwentement, huwa impossibbli li l-analiżi dwar il-proporzjonalità tkompli ssir iktar fil-fond.

38 — Caves Krier tirreferi f'dan ir-rigward għad-dokument parlamentari Nru 3798, p. 3, sessjoni 1992-1993.

39 — Sentenza ITC, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 17, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata.

40 — Ara l-punt 10 iktar 'il fuq.

Ir-rikonoxximent ta' reġistrazzjoni fi Stat Membru ieħor

69. Il-Kummissjoni ssostni li taħt id-dritt tal-UE, fatti jew ġrajjiet li jseħħu fi Stat Membru ieħor għandhom jiġu ttrattati daqs li kieku ġraw fit-territorju tal-Istat Membru fejn tapplika l-leġiżlazzjoni (dan huwa deskritt bħala riżultat jew estensjoni tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament)[41]. Il-Kummissjoni ssostni li minn dik il-ġurisprudenza jirriżulta li l-Lussemburgu għandu jieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li M. Krier kienet irreġistrata bħala persuna qiegħda fil-Ġermanja; u li dan għandu jkun suffiċjenti biex ikun issodisfatt ir-rekwiżit tar-reġistrazzjoni għall-finijiet tal-eliġibbiltà għas-sussidju għar-reklutaġġ.

70. Jiena intendi li ma naqbilx mal-approċċ tal-Kummissjoni.

71. Il-kundizzjonijiet u l-għanijiet tar-reġistrazzjoni huma rregolati minn kull Stat Membru u mhux bilfors li jkunu l-istess. Fin-nuqqas ta' informazzjoni li tindika jekk Stati Membri oħra jipprovdux servizz ta' tiftix ta' xogħol suffiċjentement simili għal dak tal-ADEM u xi sistema ta' rikonoxximent reċiproku tar-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni għall-benefiċċji tal-qgħad bejn l-Istati Membri[42], jiena m'iniex konvint li, sempliċement bil-fatt tar-reġistrazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali fi Stat Membru wieħed, persuna qiegħda għandha titqies li tissodisfa l-kundizzjonijiet biex tieħu dawk il-benefiċċji fi Stat Membru ieħor, u b'hekk tiskatta dritt fir-rigward tal-persuna li timpjegaha l-ġdida f'dak l-Istat biex tikseb sussidju għar-reklutaġġ.

Konklużjoni

72. Għaldaqstant, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tirrispondi d-domanda magħmula mill-Cour administrative bil-mod kif ġej:

L-Artikolu 45 TFUE jipprekludi miżuri nazzjonali bħalma huwa l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu L.541-1 tal-Code du travail, inkwantu ħaddiema qiegħda għandhom jissodisfaw rekwiżit ta' residenza sabiex ikunu jistgħu jirreġistraw mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-għoti ta' sussidju għar-reklutaġġ lil persuna li timpjega kategorija ta' ħaddiema qiegħda huwa suġġett għall-kundizzjoni li jkun hemm tali reġistrazzjoni.

41 — Il-Kummissjoni tinvoka s-sentenzi tal-15 ta' Ottubru 1969, Württembergische Milchverwertung-Südmilch (15/69, Ġabra p. 363), tal-4 ta' Ottubru 1991, Paraschi (C-349/87, Ġabra p. I-4501) u tat-22 ta' Novembru 1995, Vougioukas (C-443/93, Ġabra p. I-4033).

42 — Ma hemm ebda dispożizzjonijiet li jikkonċernaw ir-rikonoxximent reċiproku tal-kundizzjonijiet ta' reġistrazzjoni fir-Regolament Nru 1408/71. Ninnota li r-Regolament Nru 883/2004 jintroduċi dispożizzjoni għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, iżda ma jbiddilx il-pożizzjoni fir-rigward tar-rikonoxximent reċiproku tar-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni.